*1. Avviż tal-Gvern Nru. 402 tat-22 ta' Ottubru 1929 iffirmat mill-Ministru tal-Pulizija ad interim Walter Salomone, Malta Government Gazette No. 7245, Tuesday, 22nd. October 1929, pp. 804-805.*

*5 ta' Ottubru 1999.* *©1999 Anthony Camilleri.*

# Xelter u Bombi fiċ-Ċentru tal-Mosta fis-snin 1940-41

*minn* ***Alexander BONNICI***
*OFM Conv., HED., S.Th.L., Ph.B.*



Għalkemm ħarġu xi kotba wkoll dwar il-Mosta, għad fadal ħafna x'jinkiteb dwar żmien it-tieni gwerra dinjija. Kitba dokumentata dwar il-gwerra għadha ma saritx. Ix-xeltrijiet kienu tal-gvern, u għalhekk fihom sata' jistkenn kulħadd. Xi post ieħor intuża bħala xelter bħalma kienet il-kannierja ta' taħt il-knisja parrokkjali. Kien hemm, imbagħad, xi familji privati li kellhom xelter privat għalihom. Sejjer nikteb biss fuq xelter fiċ-ċentru tal-Mosta u fuq bumbardament li kellu l-konsegwenzi koroh tiegħu.

## Xahrejn Koroh

Il-ġrajjiet sejrin jeħduna biex insiru nafu xi ħaġa minn dak li sar bejn il-15 ta' Diċembru ta' l-1940 u l-14 ta' Frar ta' l-1941. Qiegħed nibni din il-kitba fuq ġabriet oriġinali tal-gwerra li nsibuhom fl-Arkivju Nazzjonali ta' Malta, li llum qiegħed ir-Rabat, maġenb il-knisja ta' San Franġisk, fejn kien hemm l-Isptar *Santu Spirtu*. Ma jidhirlix li kien hawn min qabad f'idejh dan il-materjal.

Malta kienet daħlet fil-gwerra fl-10 ta' Ġunju ta' l-1940. Il-bumbardamenti bdew mill-għada stess. Xeltrijiet kien għad ma hawnx. Tul l-ewwel sitt xhur ta' gwerra kien għadu ma miet ħadd mill-Mosta. Xeltrijiet fil-Mosta bdew jitħaffru ħafna. Sejjer nikteb fuq wieħed biss li beda jitħaffer fiċ-ċentru.

## Xelter fiċ-Ċentru

Ġużeppi Galea kien soprintendent f'isem l-A.R.P., jiġifieri *Air Raid Precaution*. Għalhekk, hu kien responsabbli biex jaħseb għal kulma kien meħtieġ f'każ ta' attakki ta' l-għadu. Lill-awtoritajiet, fil-15 ta' Diċembru ta' l-1940, Galea għarrafhom x'kien qiegħed isir.

Erba' xhur qabel, fis-16 ta' Awwissu ta' l-1940, beda x-xogħol fil-lemin tad-daħla ewlenija ta' l-iskola. Il-ħaddiema kienu esperti fi tħaffir ta' dik l-għamla. Huma kienu diġa' ħadmu f'xogħol simili mal-militar. It-tħaffir tlesta fi żmien erba' xhur, u kien sar xogħol tajjeb. Waqt li x-xogħol kien sejjer, Sir William Dobbie, Gvernatur ta' Malta, fis-17 ta' Ottubru ta' l-1940, mar iżur il-post, u wera interess f'dak li kien qed isir. Hu tkellem mal-ħaddiema u talab mingħandhom xi tagħrif dwar il-pjanta li kienu għamlu għax-xelter.

Il-ħaddiema, għall-ġid tal-Maltin, riedu jħaffu fix-xogħol. Għalhekk, huma ħadmu anke f'ħin li fih setgħu jistrieħu. Barra minn hekk, meta ma kellhomx għodda biżżejjed, huma għamlu użu minn għodod personali tagħhom.

L-ispiża kienet ta' seba' liri sterlini. Imma x-xogħol kien qed jiġi vvalorizzat għal £120. L-*A.R.P.* tal-Mosta kienu jixtiequ li dawk li kienu fuqhom imorru jżuru l-post ħalli jaraw b'għajnejhom ix-xogħol tajjeb li kien sar.

Ġużeppi Galea ħa ħsieb jagħmel pjanta ta' dan ix-xelter. Ritratt ta' din il-pjanta qed jidher ma' din il-kitba. Nosservaw li kien hemm daħla li ntużat minn kull min stkenn fih. Kienu jinżlu għalih bi sbatax-il tarġa. Kien hemm sala li kienet l-aħjar post biex dawk li jistkennu jinġabru fih. Kamra oħra kienet isservi biex fiha jżommu l-mediċini u jerfgħu maħżun dak li sata' jkun meħtieġ.[1]

Il-ħaddiema kien jisħoqqilhom li jitħallsu għax-xogħol tagħhom. Għalhekk, Galea ppropona li jagħtuhom xi ġranet ta' mistrieħ u jħallsuhom tagħhom. Fi żmien ta' gwerra, ma kienx possibbli li x-xogħol jieqaf. Għalhekk, ġie propost li, wieħed wara l-ieħor, jingħataw tlitt ijiem ta' mistrieħ.

## Il-Ħsarat ta' l-Attakk tat-13 ta' Frar 1941

L-ewwel vittmi fil-Mosta kienu fid-19 ta' Jannar 1941. Imma bumbardamenti oħrajn ikkaġunaw ħsarat oħra. Sejjer nagħti tagħrif fuq bumbardament wieħed. Hu dak tat-13 ta' Frar ta' l-1941. Kien bumbardament li ħa 25 minuta. Sparar ta' xi murtali ħabbar l-attakk mill-ajru fis-7.25 ta' fil-għaxija. L-użu tas-sirena kien għadu fil-bidu tiegħu.

Waqgħu l-bombi qrib il-knisja parrokkjali. Ġanni Camilleri, ta' 32 sena, li kien joqgħod f'26, Triq Santa Margerita, intlaqat f'riġlejh ix-xellugi minn frak li tar

minn bomba li splodiet. Dan kien waqt li kien sejjer jiġri minn daru għal ġox-xelter. Imma ġie kkurat malajr mit-tabib distrettwali, u ħelisha ħafif.

Żewġ bombi ta' 500 libbra l-waħda splodew fl-għelieqi ta' Ġużè Tonna, imlaqqam *Ta' Santu*, li kien joqgħod f'nru. 6, Triq Santa Margerita. Hu kellu xi ħsarat żgħar fis-saqaf tar-razzett tiegħu u fl-istalel. Inqerdu wkoll xi proviżjonijiet ta' ħxejjex li kellu.

Bomba oħra qawwija ta' xi 500 libbra niżlet u splodiet fil-ġnien ta' Franġisku Fenech, imlaqqam *Tan-Nexxufi*, li kien joqgħod f'243, Triq Santa Margerita. Xi ħsarat ġraw lill-ħitan tad-djar ta' dawk l-inħawi. Tfarrak ħafna ħġieġ, waqt li bibien u twieqi sfaw miftuħa mill-buffura qawwija li l-bomba ġiebet magħha.

Bomba oħra ta' l-istess daqs waqgħet fl-għelieqi ta' Kustanz Grech, fil-limiti ta' Sajtar, qrib il-Mosta, imma f'post jagħmel man-Naxxar.

Id-difiża ma kenitx organizzata tajjeb biżżejjed. Kienu jisparaw xi maskli biex, bil-ħoss u d-dawl tagħhom bejn inżul u tlugħ ix-xemx, jinfurmaw lill-popolazzjoni bil-bidu ta' bumbardament. Matul il-ġurnata kien jiġi sparat xi murtal b'ħafna dħaħen għall-istess skop. Imma dawk tal-Mosta lmentaw li l-maskli ma kienux jidhru u jinħassu ħlief minn min kien fil-qrib. Dawk li kienu jkunu iżjed minn 200 metru 'l bogħod ma kienu jintebħu b'xejn. Għalhekk, daħal malajr l-użu li, minbarra li jisparaw il-maskli, jingħata wkoll sinjal bit-tinwiħ ta' sirena li kien hemm fl-għassa tal-pulizija. Imma lanqas din ma kienet biżżejjed għax ma kienux jisimgħuha ħlief dawk li kienu fil-qrib.

Il-Mosta kellha bosta djar u rziezet imbegħdin miċ-ċentru. Il-familji li kienu fihom ħassew li ma kienux imħarsin tajjeb. Għalhekk, dawk ta' l-*A.R.P.* ipproponew li jkun hemm għallinqas sirena oħra ħalli titqiegħed lejn in-naħa tal-punent tal-Mosta, jiġifieri lejn in-naħa Ta' Vneżja.[2]

Dawn il-bumbardamenti ma kienux mill-kbar li ġarrbet il-Mosta. L-akbar li kellhom jiġru kienu fis-sena 1942. Imma kull tagħrif dwar iż-żmien ikrah tal-gwerra hu importanza għall-istorja.

**Dokumentazzjoni:**

1. *Arkivju Nazzjonali ta' Malta, ARP, Bundle 41, Mosta Centre, 1939-44, n. 39 (1940): Jos. Galea, 15/12/1941.*
2. *Fl-istess post, n. 50 (1941), Report minn Jos. Galea l'A.R.P.O., 14/2/1941.*




*Ix-Xelter fiċ-ċentru tal-Mosta,*
*a) minn barra u*
*b) minn ġewwa.*

